# Geraldine

## Trevor Zahra

**Audrey Borg u Marquita Galea**
**Skola St Francis, Tas-Sliema**

# IL-KONTENUT –
## L-ewwel tliet strofi

- F'din il-poeżija umoristika, Trevor Zahra jmur lura fi tfulitu, meta kien tifel ta' għaxar snin. Fil-klassi tiegħu kellu tifla mqarba bl-isem ta' Geraldine. Għall-ewwel żamm 'il bogħod minnha, iżda l-folja nqalbet meta darba fost l-oħrajn Freddie l-bully ħataf qattus minn denbu u qagħad idawru qisu raddiena. Geraldine ma ħamlitx tara lil Freddie jaħqar lill-qattus u minnufih fajritlu daqqtejn. Dan wassal lill-poeta biex jinġibed lejha, u minn dakinhar bdew iqattgħu ħafna ħin flimkien. Huwa beda jagħtiha bosta rigali fosthom Oxo, ċavetta u biċċa Mars.

Audrey Borg u Marquita Galea



# Il-Kontenut –
## Mir-raba' sal-]ames strofa

- Kollox baqa' miexi ħarir sakemm Geraldine ħajritu biex jieklu ikla ħawħ mill-ġnien tal-iskola. Din ix-xena donnha dik meħuda mill-Ġenesi fejn Eva twaqqa' lil Adam fid-dnub billi t-tnejn jieklu mill-"frotta projbita". Dak li seħħ fil-ġnien tal-iskola wasal għand is-surmast u għalhekk it-tfal spiċċaw fl-inkwiet.



Audrey Borg u Marquita Galea

Audrey Borg u Marquita Galea

# **Il-Kontenut** –
## L-a]]ar żewġ strofi

- Wara din il-ġrajja, il-ġenituri tal-poeta wissewh sabiex ma jibqa' jkollu xejn x'jaqsam ma' Geraldine għax ma kinitx tifla tal-qatgħa tiegħu. Imbeżża' minn kliem ommu u missieru, it-tfal tbiegħdu minn xulxin, u kif jgħid hu "marritlu l-ħajra" li jibqa' joqgħod magħha. Min-naħa l-oħra għalkemm għaddew tant snin, jidher li t-tifkira ta' Geraldine baqgħet hemm tant li kiteb dawn il-versi dwarha.

Audrey Borg u Marquita Galea

# Il-Karattru ta' Geraldine

- Geraldine kellha għajnejha blu u xagħarha nnukklat
- Hi tirrappreżenta l-iprojbit – dak kollu li t-tfal jixtiequ iżda l-adulti ma jħalluhomx.
- Hija tifla kuraġġuża, fuq ruħha u ġusta (twaqqaf lil Freddie l-buli)
- Mhijiex innoċenti – twaħħal minnufih fi Freddie.
- Ma tafx x'inhi mistħija

Audrey Borg u Marquita Galea

# Il-Metrika

- Il-poeta juża stil ħafif u mexxej f'din il-poeżija mibnija fuq il-vers ħieles.
- Ir-rima hija ħielsa iżda juża ħafna r-rima mbewsa
- Ir-ritmu huwa mexxej
- It-ton huwa nostalġiku u ċajtier
- Poeżija awtobijografika u narrattiva

Audrey Borg u Marquita Galea

# Termini Letterarji

- Anafora – "Minn ommi
  Miz-zija Lina
  Min-nannu Peter"
- Enjambment – "U l-għada tajtha lapes ġdid fjamant
  Kaxxa tal-Oxo"
- Polisindeto – "U wiċċha mgermed,
  U l-qmis imkemmxa
  U d-dublett tagħha dejjem mimli trab."
- Similitudni – "Iddawru bħal raddiena"
- Anadiplosi : "U Freddie l-buli,
  Buli aktar ma baqax!"

Audrey Borg u Marquita Galea

# It-Teknika

- L-użu tal-polisindeto juri l-kontinwazzjoni fil-ħsieb.
- Il-puntini wara isem Geraldine jixhdu sens ta' nostalġija li l-poeta għandu taż-żmien meta flimkien mat-tifla kien iqatta' ħafna ħin.
- L-użu tad-diskors dirett jo]loq xenarju realistiku
- Fl-aħħar żewġ strofi , Zahra jipprovoka l-ħsieb:
- Skont Zahra, il-kitba għat-tfal m'għandhiex tkun għat-tfal biss. Kulħadd għandu jifhimha kif irid hu skont l-età.

Audrey Borg u Marquita Galea